MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2004

Numru. 483/2000

Il-Pulizija
(Spettur Stephen J Gatt)
vs
Anthony Cremona

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Anthony Cremona, detentur tal-karta ta' l-identita Nru 238771 (M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli talli matul dawn il-hames snin qabel il-29.6.2000 gewwa Ta' Xbiex u il-Gzira u bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer Maltin, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zmijiet differenti li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda :

1. Xjentement ghex ghal kollox jew f'parti minn fuq il-qligh tat-prostituzzjoni ta' Mariella Bugeja u dan bi ksur tal-Artiklu 7 (1) (3) tal-kap. 63 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Sabiex jissodisfa iz-zina ta’ haddiehor, gieghel bil-vjolenza jew hajjar b’qerq lil Mariella Bugeja, mara ta’ l-eta, ghall-prostituzzjoni, liema delitt sar bhala drawwa jew bi hsieb ta’ qligh. Dan bi ksur tal-Artikolu 205 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
3. Uza vjolenza sabiex gieghel lil Mariella Bugeja taghmel xi haga u dan bi ksur tal-Artikolu 251(1) u (2) tal-Kodici Kriminali Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
4. Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi hebb kontra il-persuna ta’ Mariella Bugeja sabiex jingurjaha, iddejjaqha, jew jaghmlilha hsara;
5. Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi ghamel lil Mariella Bugeja ingurji jew theddid u jekk kien ipprovokat ingurja b’mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni;
6. Talli fil-lejl tat-28.6.2000 gewwa ta’ Xbiex, Msida u Gzira, bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b’mod iehor;
7. Talli fil-lejl tat-28.6.2000, gewwa Ta’ Xbiex, Msida u l-Gzira, kiser volontarjament il-bon ordni u paci pubblika;
8. Talli fil-lejl tat-28.6.2000 gewwa Ta’ Xbiex, Msida u l-Gzira ma obdix l-ordnijiet legittimi ta’ awtorita’ jew ta’ wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku;
9. Talli fil-lejl tat-28.6.2000 gewwa ta’ Xbiex, il-Gzira u Msida, ghad li kien xurban, qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indicenti, jew ghamel atti jew gesti oxxeni jew offenda l-morali, l-imgieba xierqa jew id-dicenza pubblika;
11. Talli fil-lejl tat-28.6.2000 gewwa Ta’ Xbiex u l-Gzira, ingombra l-passagg liberu tat-traffiku permezz ta’ vettura DBY453;
12. Talli matul dawn l-ahhar snin qabel it-28.6.2000 f’diversi inhawi f’dawn il-Gzejjer Maltin, b’diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda ikkaguna offizi hfif fuq il-persuna ta’ Mariella Bugeja;

Rat in-Nota ta’ l-Avukat Generali tal-21 ta’ Gunju, 2002 li permezz taghhom deherlu li tista tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub :

(a) Fl-Artikolu 7 (1) (3) tal-Kapitolu 63;
(b) Fl-Artikoli 18, 205 tal-Kodici Kriminali;

(c) Fl-Artikolu 251 (1), 251 (2) tal-Kodici Kriminali;
(d) Fl-Artikoli 18, 221 tal-Kodici Kriminali;
(e) Fl-Artikoli 338 (dd), 339 (1) (d), 339 (1) (e), 338 (ee), 209 tal-Kodici Kriminali;
u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti;

Semghet lix-xhieda kollha li gew prodotti, inkluz l-imputat fuq imsemmi minn jeddu u bil-gurament;

Rat il-provi li tressqu, d-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi fit-28 ta' Gunju tas-sena 2000 matul il-lejl kien inqala incident f'Ta' Xbiex, hdejn il-Gnien Ta' Xbiex, fejn kienet giet arrestata certa Mariella Bugeja u dana rigward glieda li sehhet bejn Mariella Bugeja u Dionisja Cremona, mart l-imputat fuq imsemmi. Illi f'din il-glieda kien involut ukoll l-imputat.

Illi l-Ispettur Stephen Gatt xehed illi Mariella Bugeja hija maghrufa mal-pulizija bhala persuna illi tinzel taghmel xoghol ta' prostituzzjoni fil-Gzira. Hija kienet arrestata u ghamlet stqarrija lill-pulizija fejn qalet illi fil-jum kif imsemmi fl-imputazzjoni kienet qeghda hdejn il-gnien ta' Ta' Xbiex, kienet nizlet sabiex taghmel xoghol ta' prostituzzjoni u kienu gew fuqha Dionisja Cremona u l-imputat Anthony Cremona li bdew issawtuha. L-Ispettur Gatt xehed illi Mariella Bugeja qaltlu li Dionisja Cremona marret fuqha u qaltilha biex thalli lir-ragel taghha, l-imputat, bi kwietu u ma toqghodx taqla certu affarijiet dwaru. Hija qalet ukoll lill-pulizija illi ghal dawk l-ahhar hames snin minn mindu kienet ghalqet it-tmintax il-sena hija kienet iltaqghet mal-imputat, kellha relazzjoni mieghu u kellhom ukoll tarbija u skond Mariella Bugeja l-imputat kien ighidilha biex tinzel il-Gzira tipprostitwixxi ruhha u iggiblu xi flus, pero' hija irrifjutat illi taghmel dan. L-

Ispettur Gatt xehed illi Mariella Bugeja kienet qaltlu illi l-imputat minn dejjem kien issawwatha, f'xi hin tilfet il-kuntatt minn mieghu, kellha t-tarbija u wara li kellha t-tarbija gieli rat lill-imputat ghaddej bil-karozza tal-linja. Pero' meta kienet tarah kienet titlaq tigri 'il boghod. Hija qalet ukoll lill-Ispettur illi minn jeddha biex tinzel sabiex taghmel xoghol ta' prostituzzjoni u dana peress illi ma kellhiex flus sabiex trabbi lit-tarbija. Meta t-tarbija umbaghad ghalqet il-hames xhur kienet regghet iltaqghet mal-imputat illi rega' hajjarha biex taghmel xoghol ta' prostituzzjoni. Kien issawwatha u jheddidha jew li itajjarha bil-karozza tal-linja, jew issawwatha, jew jibghat lil hut il-marak tieghu issawwtuha. Rega' ghadda zmien, kellha tarbija minghand persuna ohra, regghet iltaqghet mal-imputat u skond Mariella Bugeja rega' kellha tarbija ohra, it-tielet tarbija illi wkoll kienet skond Bugeja tal-imputat. Mariella Bugeja kompliet tghid lill-Ispettur Gatt, dejjem kif xehed l-istess Spettur Gatt, illi darba minnhom kienet il-Belt, sabha l-imputat ,gera warajha u ta xeba ta' injama ghaliex ma riditx tinzel sabiex taghmel xoghol ta' prostituzzjoni. Bugeja qalet lill-Ispettur Gatt illi hija qatt ma kienet tat flus lill-imputat wara li kienet tkun ghamlet xoghol ta' prostituzzjoni, izda meta irrilaxxjat it-tieni stqarrija taghha lill-pulizija Mariella Bugeja zieded illi fil-fatt kienet taghtu flus lill-imputat, kienet taghtu hamsa u erbghin lira (LM 45) maqsumin fi tlett okkazzjonijiet u skond Bugeja kienet tathomlu recentement.

Illi l-Ispettur Gatt arresta wkoll lill-imputat u meta l-imputat gie ikkonfrontat b'dak li kienet qalet dwaru Mariella Bugeja huwa innega kollox, fis-sens illi huwa cahad illi qatt qal lil Bugeja biex tinzel ghal xoghol ta' prostituzzjoni. Huwa qal illi kien jafha, izda ma kienx ilu jafha dawk il-hames snin kif kienet qalet hi. Skond Cremona Mariella Bugeja kienet titlaghlu fil-karozza tal-linja, fuq ir-rotta tieghu, ma kienitx tkun trid tinzillu mill-karozza tal-linja, u toqghod tistennih. F'okkazzjoni wahda, jew aktar minn wahda, kienet qaltlu li kellha xi tfal minn tieghu. L-imputat cahad illi qatt kellu x'jaqsam ma Bugeja sesswalment. Huwa qal li kienet tkun hi li toqghod tiffittah u toqghod tistennih u li anke kienet offrietlu sabiex tinzel ghall-prostituzzjoni u taghtih il-

flus, izda huwa dejjem cahad u ma riedx ikollu x’jaqsam maghha b’dan il-mod.

Illi l-Ispettur Gatt esebixxa certifikat mediku ta’ Mariella Bugeja li giet ezaminata minn tabiba u illi kienet iccertifikat illi Bugeja kellha xi tbengil, li pero’ ma kienux ricenti. Di fatt it-tabiba fuq ic-certifikat nizlet “relatively old”. Bugeja qalet lill-Ispettur illi ferita minnhom kienet harqa, izda il-bqija il-feriti l-ohrajn kienu skond hi gew ikkagunati kollha mis-swat illi taghha l-imputat.

Ikkunsidrat :

Illi fl-istqarrija tieghu l-imputat qal illi dakinhar illi inqala l-incident kien ghaddej bix-xarabank mal-mara. Umbaghad x’hin kien sejjer id-dar ghall-habta ta’ nofs il-lejl ghadda minn Ta’ Xbiex u ra lil Mariella Bugeja tippassigga fit-triq. Huwa waqaf, tefa’ t-truck fin-nofs tat-triq u ghalaq it-triq u l-mara tieghu sejjhet lil Mariella biex tkellimha. L-imputat kompla jghid fl-istqarrija tieghu illi martu qalet lil Mariella biex thalli lilu, jigifieri lil zewgha, bi kwietu u biex ma toqghodx taqla aktar diskors dwaru. Mariella cahdet illi kienet qalet xi diskors fis-sens illi kienet tmur ghall-prostituzzjoni u taghti l-flus lilu. Huwa xehed ukoll illi martu xejret daqqa ta’ ponn u laqtet lil Mariella. L-imputat kompla jghid fl-istqarrija tieghu illi darba minnhom Mariella u ohtha kienu marru ghandu d-dar, ohtha aggredietu u qaltlu li riedet lura l-flus li kienet taghtu Mariella, izda huwa lil din spjegalha li Mariella qatt ma kienet taghtu flus. Huwa kompla jghid fl-istqarrija tieghu illi kienet Mariella li kienet toffrielu sabiex tmur tohqob ghalih, izda huwa qatt ma acetta. Hija kienet ukoll tghidlu li ghandha t-tfal minn tieghu, izda huwa dan cahdu. Saret taf b’kollox martu u kien ghalhekk illi gara dak illi gara peress illi martu riedet illi Mariella thallih bi kwietu. L-imputat cahad illi qatt refgha idejh fuq Mariella, jew li qatt heddidha jew sawwatha b’xi oggett, jew li qatt talabha xi flus, jew li gieghel, jew qalilha biex iggiblu flus mill-prostituzzjoni taghha. Huwa cahad ukoll illi qatt talab xi flus lil Mariella, jew li ghandu xi tfal minn taghha.

Illi xehed PS 429 Mark Schembri illi dakinhar ta' l-incident kien ghaddej patrol u ra ix-xarabank tal-imputat wieqaf qieghed jimblokka t-traffiku. Fl-istess hin ra lill-imputat u lill-mara tieghu fi triq jargumentaw ma Mariella Bugeja. Ghalhekk nizel mill-vettura u mar sabiex jipprova jikkalmahom. Wara, fost hafna ghajjat u storbju, irnexxielu igieghel lill-imputat jitla fix-xarabank u isuq minn fejn il-post u arresta lil Mariella Bugeja, li dak il-hin ma ghobdietx l-ordnijiet tieghu, u aktar qabel kien rahha titlajja. Aktar tard nizel l-imputat l-ghassa ta' l-Imsida fejn spjega s-sitwazzjoni tieghu rigward Mariella Bugeja. Is-Surgent xehed illi l-imputat kien qieghed qabel jigi l-ghassa jaghmel xi rapporti peress li kien qieghed jallega li Bugeja kienet qeghed iccempillu fuq il-mobile phone tieghu u titolbu biex tahdem ghalih il-Gzira. Waqt illi s-Surgent kien qieghed jeskorta lil Bugeja l-ghassa hija qaltlu illi l-ghassa kienet bi hsiebha tikxef kollox u anke fil-Qorti u dana peress illi kellha zewgt itfal, skond hi, minn tal-imputat u li kienet ukoll tahdem ghalih. Is-Surgent ghamel tfittxija fuq il-persuna ta' Bugeja u sabilha pakkett sigarretti Rothmans li fih kien hemm xi hdax il-kontracettiv. Is-Surgent xehed illi kien jaf li Mariella Bugeja kienet taghmel xoghol ta' prostituzzjoni.

Xehdet ukoll Marika Bugeja, li tigi oht Mariella, u qalet illi darba minnhom f'Gunju tas-sena 2000 cemplitilha ohtha Mariella u qaltilha li kien hemm persuna li kienet ilha tippersegwitaha hames snin shah, li kienet qeghda iggieghelha tipprostitwixxi ruhha u anke jerfa jdejh fuqha u kien qieghed iggieghelha taqla mitt lira (LM 100) kuljum u skond Mariella din il-persuna kienet l-imputat. Mariella kienet qaltilha wkoll illi l-imputat kien jeddidha li joqtilha u kien ukoll issawwatha sabiex hi tmur taghmel ix-xoghol ta' prostituzzjoni. Ghalhekk oht Mariella ftehmet li tmur flimkien ma ohtha u mal-koppja Fenech ghand l-imputat sabiex tikkonfrontah. L-imputat nizel biex ikellimhom, l-ewwel qal lil Mariella li ma jafhiex, umbaghad meta bdiet tghidlu kemm refa' idejh fuqha u gieghelha tipprostitwixxi ruhha ghalih, huwa beda jichad, beda jgholli lehnu u jaghmel idejh ma wicc Mariella. Ix-xhud ammettiet illi anke hi ghamlet idejha ma wicc l-imputat. Umbaghad hi u Mariella baqghu isfel u telghu ikellmu lill-imputat il-koppja

Fenech. L-imputat kien cahad ukoll fil-prezenza tax-xhud illi kellu xi tfal minn ta' Mariella. Hija xehdet illi taf illi ohtha taghmel xoghol ta' prostituzzjoni.

Illi irrizulta wkoll mix-xhieda illi Mariella Bugeja qatt ma riedet tghid ta' min kienu t-tfal, izda ricentement kienet qalet illi l-ewwel u t-tielet tarbija kienu tal-imputat.

Illi xehdet Dionisja Cremona, mart l-imputat. Mart l-imputat xehdet dwar l-incident mertu ta' din l-imputazzjoni. Qalet illi zewgha ipparkja x-xarabank Testaferrata Street, il-Gzira, kienet f'nofs it-triq. Hija dakinhar kellmet lil Mariella Bugeja u qaltilha biex lil zewgha thallih bi kwietu. Hija cahdet illi giet fl-idejn ma Mariella Bugeja.

Ikkunsidrat :

Illi xehdet ukoll Mariella Bugeja illi qalet illi dakinhar illi inqala l-incident nizlu ghaliha l-imputat u martu. L-imputat hebb ghaliha, izda ma sawwathiex ghaliex kien hemm il-pulizija li intervjenew u mart l-imputat qabditha minn ghonqa u qaltilha biex thalli lil zewgha bi kwietu. Il-pulizija dakinhar kienu arrestawha. Hija xehdet illi lill-imputat ilha tafu hames snin, kellha relazzjoni intima mieghu, kellha tifla minn tieghu, l-ewwel tifla u hija xehdet illi l-imputat gieli kien jerfa jdejh fuqha sabiex tmur taghmel xoghol ta' prostituzzjoni u taghtih il-flus. Skond Bugeja kienet tiltaqa mal-imputat il-Belt, kien jitlobha il-flus ghaliex kien jghidilha li ghandu l-ispejjez sabiex ihallas il-coach tal-linja. Hija gieli kienet titla wkoll mal-imputat fuq ix-xarabank. Hija xehdet illi t-tieni tarbija mhijiex tal-imputat ghaliex dak iz-zmien ma kienitx baqghet tarah iktar, izda it-tielet tarbija hija wkoll, skond hi, tal-imputat. Mariella Bugeja kompliet tixhed illi hija kienet tigi imsawwta u mhedda mill-imputat sabiex tinzel ghal xoghol ta' prostituzzjoni u fil-fatt skond Bugeja kienet taghti lill-imputat erbghin lira (LM 40) kulljum. Bugeja ammettiet illi qatt ma kienet qalet lil ohtha, jew lill-koppja Fenech ta' min kienu t-tfal. Kienet biss ftit qabel ma inqala l-incident in kwistjoni li qaltilhom b'kollox. Mariella Bugeja ammettiet fix-xhieda taghha li hija kienet titla fuq ix-xarabank tal-imputat, u gieli hallset ukoll in-noll tal-passigier. Xehdet illi

kienet tippreferi titla meta jkun xoghol l-imputat. Jekk jghaddi xarabank iehor misjuq minn haddiehor sejjer l-istess direzzjoni ma kienitx titla u kienet toqghod tistenna sa kemm jghaddi l-imputat u titla fuq ix-xarabank tieghu. Mariella Bugeja cahdet illi kienet qalet lil ohtha illi t-tfal kienu tal-imputat wara li l-imputat kien ghamel rapport l-ghassa kontra taghha. Hija xehdet ukoll illi qatt ma kienet kellmet lill-pulizija dwar l-imputat u qatt ma marret ghand tabib dwar is-swat illi skond hi kien qieghed jaghtiha l-imputat. Mariella Bugeja ammettiet illi darba minnhom cemplet lill-imputat fuq il-mobile u qalet illi kien habib tieghu, xufier tal-karozza tal-linja, li kien taha n-numru tal-mobile tal-imputat. Skond hi cemplitlu biex ihalliha bi kwieta.

Illi gie ippruvat ukoll illi t-tfal ta’ Mariella Bugeja qeghdin taht care order u irrizulta wkoll illi Mariella Bugeja qatt ma qalet lil carers tat-tfal taghha min kien missier uliedha.

Illi xehed l-imputat fuq imsemmi f’dawn il-proceduri. Huwa xehed minn jeddu u bil-gurament. Huwa spjega li fis-sena 2000 kien jahdem bhala bus driver. Meta iltaqa ma Mariella Bugeja hi kienet titla fuq ix-xarabank tieghu, riedet tohrog mieghu u hu kien qalilha li kien mizzewweg, izda hi kienet baqghet tiffittah. Huwa cahad illi kellu tfal minn taghha. Dwar l-incident in kwistjoni, huwa xehed illi martu kienet taf l-istorja kollha dwar Mariella Bugeja, waqqaf fin-nofs tat-triq u martu nizlet tkellimha u qaltilha li ma kellhiex xi trid lil zewgha. Mariella u martu gew fl-idejn, umbaghad gew il-pulizija u giegheluh inehhi t-truck minn nofs. Hu hekk ghamel u nizlu l-ghassa. Hu cahad illi Mariella Bugeja qatt taghtu xi flus, jew li qatt baghatha taghmel xoghol ta’ prostituzzjoni, izda qal li hi kienet offrietlu li kienet disposta taghmel dak ix-xoghol ghalih jekk hu jitlaq lil mara tieghu, u hu ovvjament kien irrifjuta din il-proposta. Huwa cahad illi sawwat jew hedded lil Mariella Bugeja. L-imputat cahad illi Mariella Bugeja ghandha zewgt itfal minn tieghu u stqarr li huwa dispost li jaghti d-demm minn tieghu sabiex isiru l-ezamijiet kollha necessarji tad-DNA sabiex jigi stabbilit il-paternita ta’ dawn it-tfal.

Illi l-Ispettur Stephen Gatt xehed illi jaf illi Mariella Bugeja taghmel xoghol ta' prostituzzjoni u illi giet arrestata diversi drabi mill-pulizija dwar dan u xehed ukoll illi l-imputat, wara li gie arrestat, kien anke informa lill-pulizija li Mariella Bugeja kienet qeghda fuq xoghol ta' prostituzzjoni.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti tara illi mill-assjem tal-provi kollha prodotti ma giex ippruvat illi l-imputat ghex ghal kollox jew parti minn fuq il-qligh tal-prostituzzjoni ta' Mariella Bugeja, jew illi gieghel lill-istess Mariella Bugeja bil-vjolenza, jew hajjarha b'qerq ghall-prostituzzjoni.

Illi lanqas ma gew ippruvati it-tielet, ir-raba' u l-hames akkuzi migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi.

Illi gie ippruvat mid-difiza illi Mariella Bugeja taghmel xoghol ta' prostituzzjoni u giet arrestata diversi drabi mill-pulizija u imressqa l-Qorti dwar dan it-tip ta' reat.

Illi l-Qorti ikkunsidrat illi Mariella Bugeja mhijiex xhud kredibbli. Effettivament, kif xehed l-istess Ufficjal Prosekutur, fl-ewwel stqarrija illi irrilaxxatlu Mariella Bugeja, hija sostniet illi qatt ma ghaddiet flus lill-imputat. Izda, meta irrilaxxjat it-tieni stqarrija, qalet lill-pulizija li kienet ghaddiet lill-imputat s-somma ta' hamsa u erbghin lira (LM 45). Meta xehdet fil-proceduri odjerni, Mariella Bugeja xehdet illi kienet taghti lill-imputat is-somma ta' erbghin lira (LM 40) kulljum; liema somma kienet taqlaha minn xoghol ta' prostituzzjoni.

Illi ghalhekk diga' ghandna tlett verzjonijiet differenti moghtija minn Mariella Bugeja dwar jekk kienitx taghti flus lill-imputat u kemm kienet tghaddilu flus.

Illi, fattur iehor rilevanti huwa illi Mariella Bugeja qatt ma qalet lil hadd, lanqas lil ohtha, illi t-tfal illi kellha kienu tal-imputat. Kien biss meta l-imputat mar l-ghassa sabiex jirrappurtaha illi kienet qeghda iddejjqu u taghtih fastidju illi Mariella Bugeja, wara illi inqalghet ix-xenata ma mart l-imputat, qalet lill-pulizija illi t-tfal kienu tal-imputat u qalet

ukoll lill-pulizija illi kien l-imputat illi kien igieghelha taghmel xoghol ta' prostituzzjoni.

Illi mill-istqarrija illi Bugeja irrilaxxjat lill-pulizija, irrizulta illi Bugeja kienet tinzel taghmel xoghol ta' prostituzzjoni ghaliex skond hi ma kellhiex sabiex tmantni l-ewwel tarbija illi kellha u mhux minhabba xi tort tal-imputat.

Illi pero' aktar tard fix-xhieda taghha u anke fl-istess stqarrijiet illi tat lill-pulizija Bugeja qalet illi kienet taghmel xoghol ta' prostituzzjoni peress illi l-imputat kien igieghelha taghmel hekk, jheddidha, issawwatha u ghalhekk ikollha tinzel taghmel xoghol ta' prostituzzjoni u taghtih il-flus.

Illi wkoll skond Bugeja, l-imputat kien ighidilha li ma kellux flus ghaliex ried ihallas it-truck tal-linja, mentri irrizulta mill-provi illi t-truck tal-linja qatt ma kien proprjeta tal-imputat, l-imputat kien biss isuq it-truck; liema truck ma kienx propjeta tieghu.

Illi wkoll dwar in-numru tal-mobile phone tal-imputat l-istess Mariella Bugeja fix-xhieda taghha xehdet illi dan in-numru tahulha driver iehor tax-xarabank u mhux l-istess imputat.

Illi mhuwiex veru simili illi jkollok relazzjoni ma xi hadd, li jkollok anke tfal minn tieghu u lanqas biss ma tkun taf il-mobile number tieghu wara relazzjoni li tkun ilha ghaddejja, diversi snin.

Illi, wkoll, Mariella Bugeja ma ressqet lil hadd sabiex jissostanza l-verzjoni taghha illi l-imputat kien igieghelha taghmel xoghol ta' prostituzzjoni.

Illi ohtha u l-koppja illi akkumpanjawha meta marru d-dar tal-imputat semghu lill-imputat jichad dak kollu illi qalet Mariella Bugeja.

Illi l-istess Mariella Bugeja ammettiet illi kienet tippreferi titla fuq ix-xarabank tal-imputat u anke jekk tara xarabank ohra diretta lejn l-istess post fejn riedet tmur hi, imma

misjuqa minn haddiehor, hija ma kienitx titla u kienet toqghod tistenna illi jghaddi l-imputat bix-xarabank tieghu.

Illi wkoll mhuwiex vero simili illi tibza minn xi hadd illi jheddek u issawwtek u igieghelek taghmel xoghol ta' prostituzzjoni, umbaghad toqghod tistennih ghaddej ta' spiss u titla fuq ix-xarabank tieghu.

Illi l-imputat irnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbilita illi kienet Mariella Bugeja illi kienet tiffittah u tigri warajh u mhux vici versa.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti tiddikjara illi l-Prosekuzzjoni ma irnexxilhiex tipprova l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', il-hames, is-seba', id-disgha u t-tnax il-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat.

Illi dwar it-tmien akkuza il-Qorti tiddikjara illi l-istess Surgent xehed f'dawn il-proceduri illi appena ta direttiva lill-imputat sabiex inehhi x-xarabank minn nofs, l-imputat obdih mal-ewwel, u illi kienet Mariella Bugeja li ma obdietx l-ordnijiet tal-pulizija u kellha tigi arrestata.

Illi dwar id-disa' akkuza, ma giex ippruvat illi l-imputat kien xurban, jew illi qal kliem oxxen jew indicenti.

Illi minkejja l-fatt illi l-hdax il-akkuza giet ippruvata, l-Avukat Generali, fin-Nota tieghu tal-21 ta' Gunju, 2002, ma semmiex l-Artikoli relattivi u ghalhekk il-Qorti ma tistax issib lill-imputat hati ta' din l-akkuza.

Illi dak illi jirrizulta fil-konfront tal-imputat hija biss is-sitt akkuza u l-Qorti, wara li rat l-Artikolu 338 (m) tal-Kap 9, qeghda tikkundanna lill-imputat, misjub hati ta' din is-sitt akkuza, ghall-ammenda ta' hamsa u ghoxrin lira (Lm25).

Il-Qorti qeghda tillibera lill-imputat mill-akkuzi kollha l-ohrajn migjuba kontra tieghu illi ma gewx ippruvati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------